**KUNSILL LOKALI NADUR**

Minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

**It-Tlieta, 1 ta' Awwissu, 2017, fil-4.00pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji f'dan ir-rigward.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-36 sitta u tletin laqgha tal-4 ta' Lulju, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- *Laqgha mal-Ministru għal Għawdex*– Is-Sindku nnota li din l-laqgħa giet posposta u qed nistennew data oħra.

- *Uffiċċju Kunsill Lokali*- Is-Sindku nnota li kompla isir ħafna xogħol ta' tindif fl-uffiċċju u issa ser isir heavy duty storage għal filing fil-kamra tal-bejt, u ser jitilghu xi drawers mil-uffiċċju tas-Segretarja. Ser jigu ordnati ftit ghamara għan-naha ta' wara tal-uffċċju tas-Segretarja. Kien hemm qbil fuq dan.

- *Premju Gieh in-Nadur* – Is-Sindku u l-Kunsillier Michael Camilleri attendew għal laqgħa mas-Socjeta Filarmonika Mnarja u apprezzaw ħafna. Jidher li anke il-pubbliku laqgha b'mod tajjeb il-Premju għas-sena 2017. Is-Sindku nnota li issa jrid jigi diskuss magħhom jekk il-kunċert għandux isir fil-Pjazza. Il-

Kunsillier Michael Camillieri nnota li jkun aktar xieraq li din is-serata titella' fil-MBC. Il-Viċi Sindku nnota li jkun aħjar fil-MBC minħabba t-temp.

- *L-applikazzjoni għal fondi tal-Karnival fuq Skema Kulturali 2018-2020* – Din l-applikazzjoni intbgħatet kif ukoll il-claim għal fondi fuq il-Karnival 2017 bl-ammont ta' 10,000 euro.
- *Airconditions tas-Sala* – Is-Sindku nnota li sar service fuq dawn u jidher li ser niffrankaw li nordnaw ieħor gdid għax moqdijien.
- *Skart Monti* – Is-Sindku nnota li kien hemm improvement kbir u issa ma bqajniex nibgħatu servizz ta' Security. Jidher li l-problema giet solvuta.

## 4. Korrispondenza.

(5884) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner Search for Town Twinning
(5885) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner Search – Network for Towns – Europe for Citizens Programme
(5886) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner Search for Latvia – Measure 2.1 – Town Twinning – Europe for Citizens Programme
(5887) E mail mingħand Local Government Division rigward ENI CBC Med 2014-2020 Programme proposal for Cooperation
(5888) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner search from Latvia – Measure 2.2 – Network of Towns – Europe for Citizens Programme
(5889) E mail mingħand Vince Taliana rigward Miss Malta 2017
(5890) E mail mingħand ANSEK rigward Konferenzi Internazzjonali ta' interess kbir
(5891) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Kappillan rigward uzu ta' stand waqt il-Wine Festival
(5892) Ittra minghand Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari ghall-Gvern Lokali u Komunitajiet
(5893) Cirkulari AKL 42/2017 dwar Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet
(5894) Cirk AKL 41/2017 Prijoritajiet fil-Qasam tal-Gvern Lokali għas-sentejn li gejjin
(5895) Ittra minghand Socjeta Filarmonika Mnarja rigward uzu ta' stand tax-xorb waqt il-Wine Festival
(5896) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner Search-2.2 Networks of Towns_Bulgaria_Devnya Municipality – Europe for Citizens Programme
(5897) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner Search-TT-2.1-NT-2.2-Bulgaria-Dupnitsa Municipality – Europe for Citizens Programme
(5898) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner search, Serbia – Town Twinning – Europe for Citizens Programme
(5899) E mail mingħand Local Government Division rigward Partner search, Greece – Network of Towns – Europe for Citizens Programme
(5900) E mail minghand Local Government Division rigward Partner Search_Lithuania – Town

Twinning or Network of Towns – Europe for Citizens Programme

(5901) E mail mingħand MFCS rigward il-Kors Ghaqal id-Dar Ħajja Ahjar. Kien hemm qbil li dan il-kors jsir fin-Nadur.

(5902) Cirkulari AKL 44/2017 dwar Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera

(5903) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq Dicembru 13 rigward uzu ta' stand tad-drinks għal waqt il-Wine Festival

(5904) Ittra mingħand Nadur Youngsters F.C. rigward is-'Summer Fest'

(5905) Ittra mingħand Dr. Mario Scerri rigward one way. Kien hemm diskussjoni fuq din il-korrispondenza u gie deciz li tintbgħat ittra mingħand l-avukat tal-kunsill fuq din il-materja.

(5906) Ittra mingħand Arcipriet Dun Jimmy Xerri rigward Kiri tal-premises, dar tat-tagħlim San Pietru u San Pawl

(5907) Ittra mingħand Koperattivi Malta rigward Stedina għat-tnedija ufficjali tal-'online platform' li ser joffri lezzjonijiet virtwali fuq l-immaniggjar fis-settur agrikolu

(5908) Ittra mingħand Regjun Għawdex rigward Proposti ghall-Bagit 2018

(5909) Ittra mingħand Dipartiment tal-Kuntratti rigward Inclusion of Green Public Procurement Requirements in procurement documents – Procrement Policy note no.33

(5910) Ittra mingħand Dipartiment tal-Kuntratti rigward Green Public in procurement documents- Procurement Policy note 33.1

(5911) Ittra mingħand Ministeru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward Standard Operating Procedure for Requests for ICT Services

(5912) E mail mingħand UIF rigward Nadur Local Funds as at 31.5.17- €84,079.91. Kien hemm xi suġġerimenti u ideat mingħand il-Kunsilliera fuq dawn il-fondi. Kien hem qbil il-Perit tal-Kunsill jaghmel stima ta' embilishment ghal-Pjazza Dun Martin Camilleri.

(5913) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Knisja rigward stand tad-drinks fil-Wine Festival

(5914) Ittra mingħand Nadur Youngster FC rigward stand tad-drinks fil Wine Festival

(5915) Cirk 46/2017- Inizzjattiva MCCF

(5916) AKL M001/2017- Minuti tal-Laqgha tal-Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Nr.49)

(5917) Cirk AKL 47/2017- Gbir u mmaniggjar ta' l-Iskart

(5918) Cirkulari AKL 48/2017- Gbir ta' Formola

(5919) E mail mingħand Local Government Division rigward Smarter Cities Learning Expedition and Tel Aviv Cities Summit- Sept 4-8, 2017

(5920) Ittra mingħand Regjun Għawdex dwr Info Session for Representatives of Local Coucils in Gozo

(5921) Cir AKL 45/2017- European Mobility week

(5922) Cirkulari no. 18/2017- Policy guideline dwar l-Immaniggar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE)

(5923) Cirkulari AKL 50/2017 – Lista ta' Kuntatti

(5924) Cirkulari 19/2017- Streaming tal-Laqgħat online u skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-Internet

(5925) E mail mingħand Local Government Association rigward dokumenti proposti swieq fil-

berah – dokument proposti tables and chairs.

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-kont ta' gate. Is-Segretarja u s-Sindku nnotaw li kien hemm ilment ta' ħajt u gate perikoluzi għat-tfal u karozzi fi Triq Torri Sopu. Dawn gew irrangati urġenti biex jiġi evitati kull periklu li kien hemm. Dr. Josianne Cutajar talbet li meta jkun hemm pavimentar/bankini ta' certu kobor issir stima qabel ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u certifikat mill-Perit tal-Kunsill wara. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

Il-Kunsill approva l-Quarterly Report Jan-June 2017. Dan gie diskuss waqt l-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

Laqgħa mad-Direttur – Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud nnotat li din il-laqgħa marret tajjeb ħafna u li s-Sindku kellu pjan u qed naħdmu fuqu. Is-Sindku nnota li d-Direttur kien kuntent ħafna bil-progress li qed jagħmel il-Kunsill tagħna u dan juri mit-tifhir li qal d-Direttur tal-Kunsilli waqt il-laqgha li '*l-Kunsill tan-Nadur huwa xempju ta' kif ridu jimxu l-Kunsilli ta' Malta u Ghawdex*'. Is-Sindku tenna li minkejja l-problemi u sfidi, l-Kunsill baqa ghaddej, huwa attiv, u xorta qed nimxu mar-regoli.

**6. Offerti Pubblici Skart u Bulky Refuse**

*Tender NLC/15/2017- Service for Tender for the collection of mixed household waste in an environmentally manner*

L-unika offerta u konformi kienet ta' KIP Gozo li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni. Is-Sindku nnota li qabel jigi iffirmat il-Kuntratt mal-KIP ser jagħmel laqgħa mal-KIP u s-Segretarja Ezekuttiva biex jigu iċċarati certu punti fuq il-gbir. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri nnota li hu kien prezenti għal laqgħa li saret gewwa l-Ministeru għal Għawdex rigward iż-żibel u ghadda xi rimarki.

*Tender NLC/16/2017- Service Tender for the collection of bulky refuse in an environmentally friendly manner.*

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Kien hemm zewg offerti li t-tnejn ma kienux konformi u ma gewx rakommandati mill-Board tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsil qabel li din l-offerta terga tinħareg. Kien hemm qbil li jigi mgedded l-Kuntratt prezenti għal xahrejn oħra sakemm isir il-process meħtieg għal offerta oħra.

## 7. Wine Festival 2017

Is-Sindku nnota li Darren Cassar qed jiehu ħsieb facebook marketing bi stil ġdid. Peter Butcher mhux ser jarma u nstab replacement ieħor. Is-Sindku qal li hemm il bzonn li jinxtara drapp għal taħt il-palk għax tqatta kollu. Rigward l-Indafa se jieħdu ħsieb ħaddiema tagħna. Gie maqbul li jitilghu bix-xorti l-istands tad-drinks fl-aħħar tal-laqgħa. Il-Kunsilliera Dr. Josainne Cutajar staqsiet jekk jistgħux jibdew isiru b'rotation. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri nnota li hu ma jaqbilx mar-rotation. Is-Sindku nforma li għal din is-sena bilfors bix-xorti peress li ga gie informat hekk mal-għaqdiet izda jerga jigi diskuss għas-sena id-dieħla.

Kwotazzjonijiet:

*Quotation 17/2017- Provision of lighting system for Nadur Wine Festival*

L-unika offerta u konformi kienet ta' Sourcelite li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' Evalwazzjoni

*Quotation 18/2017- The Provision of a PA system for the Nadur Delicata Wine Festival 2017.*

L-orħos offerta u konformi kienet ta' Power Sound li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni

*Quotation 19/2017- Quotation for the Provision of Security Services during the Delicata Wine Festival*

Kien hemm tlett offerti li kienu konformi u tal-istess ammont. Wara l-approvazzjoni mill-Bord ta' Evalwazzjoni ghat-tlieta li huma, u abbazi tal-esperjenza fil-passat fil-Wine festival, is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jaqblux li tintgħazel l-kumpanija Security First Services. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet biss jekk hemmx linji gwida f'kazijiet bhal dawn. Is-Sindku ghamel mozzjoni dwar jekk il-kunsiliera jaqblux li fic-cirkustanzi tintghazel l-offerta ta' Security First Services abbazi li hija konformi, l-istess prezz bhal l-ohrajn, timxi mac-Cirkulari tal-prekarjat, u peress li ilhom hafna snin jiehdu hsieb il-Wine Festival. Il-Kunsillier Michael Camilleri ssekonda din il-mozzjoni u l-Kunsilliera qablu. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar suggerit li għal futur naraw jistax ikollna bil miktub dwar x'nistghu naghmlu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## 8. Charter Nadur 2018

Is-Sindku nnota li saret laqgha tac-charter fejn gew diskussi diversi punti. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri nforma lil Kunsill li tmienja minn Nadur ippartecipaw f'Kannus gewwa Finland u il-feature tagħna intlaqa tajjeb ħafna hemm. Il-Viċi Sindku nnota li ingabru kwotazzjonijiet għal *string bags* u *caps* għad-delegazzjoni gewwa n-Nadur biex jigu ordnati. Il-Kunsill ħallas il-Membership tac-Charter. Fis-Sena 2018 ser issir elezzjoni tal-President tac-Charter waqt li d-delegazzjoni tkun in-Nadur. Is-Sindku kompla jghid li ser ningħataw madwar 14,000 euro għal organizazzjoni u 20,000 euro għal travel costs. Fost diversi sponsors ser ikun hemm V18, MGOZ, Delicata u GSD. Rigward il-hosting ser ikun hemm team jaħdem fuq dan. Ser isir meeting għal ex-partecipanti kollha. Is-Sindku għamel suggeriment rigward il-monument li jsir minn Mary Portelli fil-mosaic. Kien hemm qbil fuq dan. Fic-Charter ta' Ibanesti f'Rumanija ser imorru Mario Mercieca u Kenneth Portelli fejn iħallsu huma stess il-flights.

## 9. Nadur 8K

Is-Sindku nnota li saru numru ta laqgħat mill-organising team sabiex tinstab data għal gurnata. Gie deċiz li din l-attivita' issir fit-3 ta' Dicembru fejn ga tħabbret id-data u gew informati ex-partecipanti. Hu kompla jghid li qed jaħdmu biex Puttinu iħajjar lil familji li qed jibbenefikaw sabiex jigu għal Walk u igibu gruppi ta nies magħhom kif ukoll fuq sponsors. Qed isir ukoll l-event fuq facebook u ser joħrog daqt. Hemm ukoll interess minn Atleti minn gewwa Cicciano biex jigu għal din il-maratona.

## 10. Summer Fest 2017

Is-Sindku nnota li din kienet attivita' li giet diskussa fil-bidu tal legislatura pero ma saritx minħabba rizorsi u anke perjodu ta' zmien. Kompla jgħid li issa jidher li ingħaqdu il-Klabb tal-Futbol, Zgħazagħ Mnarja, Socjeta Filarmonika, u Għaqda Nar, sabiex jorganizzawa u talbu meeting mas-Sindku. Huma ser jorganizzaw kollox li jinkludi tombli, BBQs, logħob għaz-zgħazagh u discos u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega waqt din il-laqgħa magħhom li ser jitlob lil Kunsill sabiex jikkollabora fejn tidhol sigurta u mhux fuq materji ohra, u dan sabiex inkunu qed nghinu bl-isbah u l-aqwa mod possibli. Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex l-Kunsill jgħin fuq security għal filgħaxija (Gimgħa u Sibt), ERRC għal numru ta sigħat, u ufficjali ta TM għal gimgħa u sSbt filgħaxija minħabba traffiku. Kalkolu ta' madwar €650 euro. Kien hemm qbil fuq dan kollu mill-Kunsilliera.

## 11. Ġemellaġġi

*Cicciano Novembru 2017*- Is-Sindku nnota li hemm grupp magħqud u mħallat ħafna. Hu ser jiddiskuti xi affarijiet mas-Sindku għax ser ikun hawn f'Awwissu. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-spejjez tal-kunsilliera u Segretarja Eżekuttiva għandhom jigu refunded. Kien hemm qbil fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

*Baveno*- Is-Sindku nnota li ser ikun hemm f'Awwissu u jigi diskuss mas-Sindku ta' hemmhekk dwar interess li għandha ta' children exchange. Is-Sindku nnota li ser jara ukoll li tigi organizzata delegazzjoni għal April 2018.

*Zafferana*- Is-Sindku nnota li tal-Meusac lesti jgħinuna huma fl-applikazzjoni tal-ġemellaġġi pero jekk ma ikollniex commitment kif jixtieq minn naha ta' Zafferana ma ssirx din l-applikazzjoni.

## 12. Proposta Bars Triq Dicembru 13

Is-Sindku nnota li hu favur din il-proposta mressqa mill-proprjetarji tal-bars ta' Triq Dicembru 13 sabiex tibda tinghalaq it-triq ghal certu granet, u l-isfortuna li s-sajf diga għadda nofsu għax din trid tersaq quddiem l-awtorita' ta' TM. Din giet diskussa mil-proprjetarji kollha flimkien mal-perit tal-ghazla taghhom. L-ispazji jidhru ragonevoli u informa lil Kunsilliera li t-triq trid tkun magħluqa b'access biss għar-residenti ta' dik it-triq. Is-Sindku qal li trid isir laqgħa għar-residenti fejn jigi spjegat li mhux se ikollhom ostaklu u li toħrogilhom badge apposta u jidhlu xhin iridu.Kien hemm qbil li t-Triq tinghalaq mill-Ħamis sal Ħadd ghal bidu bejn it-8:00p.m. u 1:00p.m. Ikun hemm tabelli u bollards li jitpoggew mill-ħwienet. Hawnhekk kien hemm diskussjoni shiha mill-Kunsilliera dwar il-granet, hinijiet, sigurta, tabelli, traffiku, u hafna materji ohra. Is-Sindku ser jara li dak diskuss jittiehed in kunsiderazzjoni fid-diskussjonijiet mal-awtoritajiet.

## 13. Manutenzjoni Toroq

*Triq Lourdes* – Is-Sindku mar mal-Perit tal-Kunsill fil-post u qed jaghmel survey sabiex imbagħad naraw kif trid issir il-patch minħabba l-qlib tal-Ilma. Is-Sindku nnota li din importanti issir dan is-sajf u noħorgu kwotazzjoni għaliha.

*Triq Zrajk* – Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li din it-triq ilha tisemma waqt diversi laqgħat u hu mar mal-Perit fuq il-Post u dan għamlilna stima. Is-Sindku talab lil Perit biex ma jasalx aktar l isfel minħabba spejjez. Stima hija dik ta' 13,000 euro. Jekk issir bit-tarmak din tigi madwar 21,000 euro. Is-Sindku fakkar ukoll lil Kunsilliera li hemm 15,000 euro li mhux ser jintuzaw għal rural roads fil-budget tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li din issir b'patch tal-konkrit.

*Triq Qortin* – Is-Sindku nnota li hemm fond tar-Regjun sabiex jintuzaw ghal tarmak u aħna bhala Kunsill tan-Nadur intitolati għal kwazi 11,000ewro. Hemm ukoll il-fond Progetti Kapitali li nistgħu nuzaw. Il-Fond tar-Regjun irid jintuza sa Novembru u hemm deadline sa 11 ta' Awwissu biex tingħata risposta minn naħa tagħna hux interessati. L-ewwel parti ta' din it-Triq tiswa madwar 17,000 euro. Triq sħiħa tiswa madwar 120,000 euro. Il-Kunsilliera ddiskutew diversi punti dwar dan u s-Sindku ghandu jattendi laqgha ohra tar-regjun dwar din il-materja.

## 14. Materji Oħra

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- ***Fixed Assets*** – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ser isir disposal ta' Dehumidity Fire, Fax Machine, Fan, u Drapp. Inxtrat Shredder zgħira.

- ***Kids Game – Sorijiet Nadur –*** Is-Sindku nnota li fil-passat il-Kunsill Lokali kien xtara xi logħob għat-tfal li jmorru l-iskola tas-Sorijiet. Dawn gew irrangati uhud minnhom pero hemm waħda li kellha tintrema għax spiccat. Is-Sindku għamel proposta lil Kunsilliera biex tinxtara waħda gdida. Kien hemm qbil fuq dan.

- ***PC Cameras Fatima –*** Is-Sindku nnota li saru testijiet fuq il-cameras tal-Kunsill u anke ta' Gnien il-Kunsill. Dawk tal-Kunsill qed jaħdmu sew u jirrekordjaw. Dawk ta Gnien il-Kunsill iridu PC biex jirrekordjaw sew fuqhom. Is-Segretarja talbet lis-Sur Peter Muscat jgib xi stimi ta' towers tal-computer li huma sew għal dan. L-irħos stima hija ta' €525 mingħand SCAN. Kien hemm qbil li jinxtara dan.

- ***Tender Street Lighting Regjun –*** Is-Segretarja spjegat dan id-draft tender peress li kienet prezenti għal laqgħa li saret fuq din il-materja. Is-Segretarja bgħatet kopja lil kunsilliera ta' dan id-draft ukoll. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

- ***Artist Disinn Karnival 2018 –*** Is-Sindku nnota li hu tkellem ma l-artisti Charlie Camilleri u Justin Falzon izda dawn mhux interessati li jagħmluh. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sindku jaghmel kuntatt ma' l-artist Chris Saliba dwar dan.

- ***Kawza dwar Belvedere Cocco Palmeri –*** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li nfethet kawza kontra is-Segretarja u s-Sindku li fl-irwol taghhom xeghlu d-dawl tal-belvedere wara li dan kien intefa minghajr avviz.

- ***Mappa Nadur u Flyer –*** Is-Sindku informa lil Kunsilliera li tweħħlet il-mappa tan-Nadur fir-reception u li jemmen li wasal iz-zmien li isir Flyer li tinkludi - mappa, ritratti tal-postijiet ta' interess u ftit informazzjoni dwarhom, kif ukoll dettalji zgħar tal-postijiet li magħhom aħna ġemellati. Din titqassam f'kull dar u jinzammu l-uffiċċju tal-Kunsill għat-turisti. Kien hemm qbol dwar dan.

Dan il-ħin gie skuzat biex jitlaq mil-laqgha il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.

- ***Nation Wide Campaign Cleanup – Lets Do It Malta –*** Is-Sindku nnota li l-Kunsill irid jindika tlett spots li għandhom bzonn cleaning. Il voluntiera inaddfu u inkunu parti minn din il-kampanja fis-16 ta' Settembru. Kien hemm qbil li jitnaddaf Wied Bingemma u Triq it-Torri Sopu ħdejn il-Barracks tas-Suldati.

- ***Green Wardens –*** Is-Segretarja nnotat li giet nformata bir-rati tal-*Green Wardens* li huma ta' 11.50euro/hr u jridu ikunu bilfors zewg *Green Wardens* fuq il-post. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera

x'jaħsbu li l-aħjar issir ħdejn il-Bring In Sites ta' ħdejn skola biex jieqaf dan l-abbuz. Kien hemm qbil li titwaħħal banner fejn tinforma lil pubbliku generali li min jinqabbad iħammeg jeħel multa u jitqabbdu ukoll l-*Green Wardens* b'din ir-rata. Is-Segretaja ser tagħmel talba għal dan is-servizz.

- ***Għaqda Ħbieb Presepju –*** Is-Sindku nnota li hu gie nformat li din l-għaqda ghandha l-ħsieb li torganizza wirja f'Novembru bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill u l-idea li artisti lokali jesebixxu bicciet tagħhom. Għandhom ħsieb li tkun parti mill-festi ta' Jum il-Kunsill. Huma ser japplikaw għal fondi ta' skema tal Ministeru. Kien hemm qbil fuq dan.

- ***Kotba Parroċċa Anniversarju-*** Din il-materja kienet ga giet diskussa f'laqgħa oħra. L-Arcipriet bghat idea ta' kif ser ikun dan il-ktieb kif ukoll il-prezz ta' 45euro kull ktieb. Kien hem qbil li jinxtraw tmien kotba.

- ***End of Summer Fest –*** Is-Sindku nnota li l-Ghaqda Armar Triq il-Knisja tixtieq li minflok tagħmel BBQ biex idahhlu flus jorganizzaw festa zgħira fil-Pjazza fit-22 ta Settembru. Din tkun tinkludi aktar spejjez minn normal ghax se jinkludu stage b'live band, games għat-tfal, apparti fejn jieklu n-nies. Din l-Għaqda qed titlob l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali għal dawl u sound. Kien hemm qbil fuq dan il-kollaborazzjoni bl-ammont ta' €450.

- ***Grupp Anzjani Zafferana –*** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li wara laqgħa li kellu ma' mal- Għaqda Dar Dun Frangisk Grima, dawn ser jieħdu grupp ta xi 30 ruh Sqallija bejn 6-9 ta' Ottubru. Is-Sindku ser ikun jgħinhom biex jirnexxilom jaghmluha u huma qed jitolbu biss għajnuna għal transport lejn l-airport mingħand il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

- ***Nursery Nadur –*** Is-Sindku nnota li n-Nursery tan-Nadur ħadet lil numru ta' tfal Under 11 għal esperjenza fi Sweden fil-granet li għaddew, esperjenza ta' darba kull sentejn lil tfal differenti. Dawn talbu li ngħinuhom billi nipprovdu transport lejn airport. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku kompla jgħid li bhal kull sena qed jitlob li ngħinu lil din n-Nursery permezz ta' €300 li jmorru għar-rizorsi taħhha bhal blalen u rizorsi ohra. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

***Requests:***

- Talba għal tindif f'Wied Bingemma li dan diga sar.
- Is-Sindku gibed l-attenzjoni li l-pannelli tal-latrina ta' Daħlet Qorrot mhux jaħdmu. Kien hemm qbil li ingibu stima mingħand Econotique.
- Talba għal maintenance fil-Ground li jinkludi trangar tal-fence. Dan diga sar.
- Talba għal tree Pruning fit-Triq tad-Duru. Is-Sindku nnota li din issa tista tinqala għax ma hemmx bzonn ta' permessi mingħand awtoritijeit oħra. Kien hemm qbil.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Talba biex jitranga passagg fil-Wied ta' Dahlet Qorrot biex l-bdiewa ikollhom access biex jidhlu meta isir il-wied.Dan jinvolvi ftit xoghol mhux hazin biex isir qisu bridge fuq il-wied. Is-Sindku nnota li l-aħjar naraw x jinvolvi u jigu nformati l-Kunsilliera qabel. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar qalet li importanti li ukoll li jkun ivverifikat li dan mhuwiex xoghol fil-privat izda fi propjeta` pubblika u jekk hemmx bzonn permessi tal-awtoritajiet ghal dan. Issemma wkoll li rridu naraw il-konfini. Is-Segretarja ser tara fuq dan qabel.
- Talba minn residenta fi Triq Ħida għal 1.5m yellow line ma sqaq biex ikunu jistgħu jidħlu. Kien hemm qbil, is-Segretarja ser tibgħat talba lil TM rigward dan.
- Talba għal yellow line fi Triq Hida faccata ta' residenza ta' Triq Qorti Uqija. Kien hemm qbil, is-Segretarja ser tibgħat talba lil TM rigward dan.
- Talba għal bankina tal-familja Muscat, Triq Għajn Qasab li giet miksura waqt resurfacing f'dik it-Triq. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement taht bankina ta' Anglu Muscat, Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil.
- Il-Kunsilliera Dr Josianne Cutajar gibdet l-attenzjoni rigward bozza mitfija fi Triq Dun Bernard Ħaber. Is-Segretarja nnotat li din il-bozza diga giet irraportata lil kuntratur fejn indika li trid tigi irrangata minn Enemalta. Is-Segretarja informat ukoll li Enemalta fuq din il-bozza ukoll.
- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar gibdet l-attenzjoni ukoll rigward xi tiben li hemm fi Triq tad-Duru. Is-Sindku nnota li kien ga gie informat il-Ħaddiem rigward dan u ga tnaddaf.
- Il-Kunsillier Michael Camilleri gibed l-attenzjoni dwar sigra li trid tinzabar f'San Blas u anke stickers non-slip fi Triq Dicembru 13.

## 15. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru 2017, fl-5.00p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva